Nru. 18,123
Prezz/Price
Lm1.12 (€2.61)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2007
Tuesday, 11th September, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2007 Nru. V Anno Domini 2007 No. V

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) George Hyzler
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-10 ta' Settembru, 2007, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 10 ta' Settembru, 2007.

B'Awtorità,

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) George Hyzler
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 10th day of September, 2007, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 10th day of September, 2007.

By Authority,

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 792

AVVIŻ LEGAL PPUBBLIKAT FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legali li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,122 tas-7 ta' Settembru, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 251 ta' l-2007: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2007 li jistabbilixxu Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja.

Il-11 ta' Settembru, 2007

Nru. 793

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

Il-11 ta' Settembru, 2007
(File No. L76/2005)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħal Tarxien:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 35 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, inkluża 2 *manholes* 0.75 metri b'0.75 metri

GOVERNMENT NOTICES

No. 792

LEGAL NOTICE PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,122 of the 7th September, 2007.

L.N. No. 251 of 2007: Environment Protection Act (Cap. 435); Establishment of the Majjistral, Nature and History Park Regulations, 2007

11th September, 2007

No. 793

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

11th September, 2007

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Tarxien:–

1. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 35 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, including 2 manholes 0.75 metres by 0.75 metres and

u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,012-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Knisja, min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Giovanni Bonavia u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Emanuel Calleja.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur aħdar filwaqt li t-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta mmarkata P.D. 2005_285, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

It-30 ta' Awissu, 2007

laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 1,012 square metres, bounded on the North by property of the Church, on the South by property of Mr Giovanni Bonavia and on the East by property of Mr Emanuel Calleja.

The above mentioned land is shown with the colour green whilst the trench is shown with the colour red on plan marked P.D. 2005_285, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

30th August, 2007

Nru. 794

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bejn nhar il-Ħadd, id-9 ta' Settembru 2007 u nhar it-Tlieta, il-11 ta' Settembru 2007 u l-Onor. Censu Galea, B.E.&A., A.&C.E., M.P., Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, b'seħħ minn nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Settembru, 2007, matul l-assenza kontinwa ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Id-9 ta' Settembru, 2007
(OPM 31/2007/II)

No. 794

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Minister of Education, Youth and Employment, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance, between Sunday, 9th September 2007 and Tuesday, 11th September 2007 and that the Hon. Censu Galea, B.E.&A., A.&C.E., M.P., Minister for Competitiveness and Communications, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance, with effect from Wednesday, 12th September, 2007, during the continued absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

9th September, 2007

Nru. 795

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRIM MINISTRU għoġbu japprova l-promozzjoni ta' l-imsemmija hawn taħt għar-*rank* ta' Maġġur b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

Kaptan Andrew Mallia	13 Ġunju 2007
Kaptan Wallace Camilleri	13 Ġunju 2007
Kaptan Michael Cardona	14 Ġunju 2007
Kaptan Caprian Borg	14 Ġunju 2007
Kaptan Ruth Ruggier	14 Ġunju 2007
Kaptan Melvin Haber	14 Ġunju 2007

Is-6 ta' Settembru, 2007

No. 795

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE Prime Minister has been pleased to approve the promotion of the undermentioned to the rank of Major with effect from the date shown against their names.

Captain Andrew Mallia	13 June 2007
Captain Wallace Camilleri	13 June 2007
Captain Michael Cardona	14 June 2007
Captain Caprian Borg	14 June 2007
Captain Ruth Ruggier	14 June 2007
Captain Melvin Haber	14 June 2007

6th September, 2007

Nru. 796

BORD TA' L-ARMI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Surġent Joseph Farrugia se jkun qed jaqdi d-dmirijiet ta' Membru fuq il-Bord ta' l-Armi b'seħħ immedjat minflok is-Surġent Jesmond Cassar.

Il-11 ta' Settembru, 2007

No. 796

WEAPONS BOARD

IT is hereby notified that Police Sergeant Joseph Farrugia will be acting as Member on the Weapons Board with immediate effect in lieu of Police Sergeant Jesmond Cassar.

11th September, 2007

Nru. 797

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Ħatra ta' Direttur (Sistemi ta' Riżorsi Umani u *Data Management)* fil-*Management and Personnel Office*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Anthony Azzopardi, D.P.A., bħala Direttur (Sistemi ta' Riżorsi Umani u *Data Management)* fil-*Management and Personnel Office* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'seħħ mit-18 ta' Lulju 2007.

Il-11 ta' Settembru, 2007

No. 797

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Appointment of Director (HR Systems and Data Management) in the Management and Personnel Office

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Anthony Azzopardi, D.P.A., as Director (HR Systems and Data Management) in the Management and Personnel Office within the Office of the Prime Minister with effect from 18th July 2007.

11th September, 2007

Nru. 798

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Regolazzjoni Saħħa Pubblika) u funzjonijiet ta' Tabib tal-Gvern u Suprintendent tas-Saħħa Pubblika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil Dott. Raymond Busuttil, M.B., Ch.B., D.C.H., F.R.C.G.P., F.F.P.H., bħala Direttur Ġenerali (Regolazzjoni Saħħa Pubblika) fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità b'seħħ mit-13 ta' Lulju 2007.

Dott. Raymond Busuttil, M.B., Ch.B., D.C.H., F.R.C.G.P., F.F.P.H., assuma wkoll il-funzjonijiet ta' Tabib Ewlieni tal-Gvern u Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'seħħ mit-13 ta' Lulju 2007.

Il-11 ta' Settembru, 2007

No. 798

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Appointment of Director General (Public Health Regulation) and functions of Chief Government Medical Officer and Superintendent of Public Health

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Dr Raymond Busuttil, M.B., Ch.B., D.C.H., F.R.C.G.P., F.F.P.H., as Director General (Public Health Regulation) within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care with effect from 13th July 2007.

Dr Raymond Busuttil, M.B., Ch.B., D.C.H., F.R.C.G.P., F.F.P.H., has also assumed the functions of Chief Government Medical Officer and Superintendent of Public Health with effect from 13th July 2007.

11th September, 2007

Nru. 799

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Servizzi tas-Saħħa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil Dott. John M. Cachia, MD (Malta), MSc (Lond.), MFPH (U.K.), FFPH (U.K.), DLSHTM (Lond.), DipHSM (Milan), PGCHM(I) (B'gham), bħala Direttur Ġenerali (Servizzi tas-Saħħa) fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità b'seħħ mit-13 ta' Lulju 2007.

Il-11 ta' Settembru, 2007

No. 799

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Appointment of Director General (Health Care Services)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Dr John M. Cachia, MD (Malta), MSc (Lond.), MFPH (U.K.), FFPH (U.K.), DLSHTM (Lond.), DipHSM (Milan), PGCHM(I) (B'gham), as Director General (Health Care Services) within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care with effect from 13th July 2007.

11th September, 2007

Nru. 800

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Strateġija u Sostenibbiltà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil Dott. Natasha Azzopardi Muscat, M.D., M.Sc., M.Sc. (Lond.), FFPH, DLSHTM,, bħala Direttur Ġenerali (Strateġija u Sostenibbiltà) fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità b'seħħ mit-13 ta' Lulju 2007.

Il-11 ta' Settembru, 2007

No. 800

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Appointment of Director General (Strategy and Sustainability)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Dr Natasha Azzopardi Muscat, M.D., M.Sc., M.Sc. (Lond.), FFPH, DLSHTM, as Director General (Strategy and Sustainability) within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care with effect from 13th July 2007.

11th September, 2007

Nru. 801

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPJIEG

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Aġent Direttur Acting *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg *Industrial and Employment Relations*	12–14.9.2007

Il-11 ta' Settembru, 2007

No. 801

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

THE Permanent Secretary in the Ministry of Education, Youth and Employment has approved the following acting appointment:–

11th September, 2007

Nru. 802

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR
***(STANDARDS* GĦALL-ĦARSIEN SOĊJALI)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 802

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR
(SOCIAL WELFARE STANDARDS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Dennis Buttigieg	Direttur *Director*	*Standards* għall-Ħarsien Soċjali *Social Welfare Standards*	13 - 16.9.2007

Il-11 ta' Settembru, 2007

11th September, 2007

Nru. 803

KUNSILL MALTI GĦAX-XJENZA
U TEKNOLOĠIJA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3.3 tad-Dokument 'A' anness ma' l-Att tal-Fondazzjoni għax-Xjenza u Teknoloġija, il-Prim Ministru ħatar lill-Prof. Juanito Camilleri bħala *Chairperson* tal-Bord tal-Kunsill Malti għax-Xenza u Teknoloġija sat-30 ta' Ġunju 2009 minflok is-Sur David Spiteri Gingell.

Il-11 ta' Settembru, 2007
OPM/268/1985/Part 2

No. 803

MALTA COUNCIL FOR SCIENCE
AND TECHNOLOGY

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 3.3 of Document 'A' annexed to the Deed of Foundation for Science and Technology, the Prime Minister has appointed Prof. Juanito Camilleri as Chairperson of the Board of the Malta Council for Science and Technology up to 30 July 2009 in lieu of Mr David Spiteri Gingell.

11th September, 2007

Nru. 804

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
201	Marisa Flats Triq it-Turisti San Pawl il-Baħar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	04/09/2007

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Il-11 ta' Settembru, 2007

No. 804

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

11th September, 2007

Nru. 805

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju ta' l-Impatt Ambjentali Limitat

SKOND ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 ta' 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skond Skeda IB ta' l-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 5191/06
Post: Eks-Spinning and Weaving Factory, Qasam Industrijali, Ta' Qali
Proposta: Bini ta' Ambaxxata ġdida għall-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika

L-impatti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fl-1 ta' Ġunju, 2007.

No. 805

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 5191/06
Location: Ex-Spinning and Weaving Factory, Industrial Estate, Ta' Qali
Proposal: Construction of new Embassy compound for US Government.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 1st June, 2007.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Utilitajiet	Xejn (Il-provvista ta' l-ilma u l-elettriku huma adekwati, kif ukoll in-*network* tad-drenaġġ huma diġà preżenti fuq is-sit).
Impacts on Utilities	*None (adequate water and electricity supply and sewerage network exist on site).*
Produzzjoni ta' skart	Skart inert iġġenerat waqt il-kostruzzjoni jinħażen fuq is-sit stess biex jerġa' jintuża għall-użu fuq partijiet oħra tas-sit.
Waste production	*Insignificant amounts of construction waste will be produced, which will be stored on site for re-use in backfilling in other areas of the site.*

Ħoss u vibrazzjonijiet	Miżuri *standard* sabiex jittaffa l-ħoss se jiġu implimentati. Dawn jinkludu: limiti fil-ħin tax-xogħol; użu ta' *silencers;* *screening* tal-ħoss; użu ta' teknoloġija ta' tħaffir li tillimita l-vibrazzjonijiet; u monitoraġġ
Noise and vibration	*Even though the site lies in proximity to residential areas, noice and vibration sources during construction are temporary and minimal. These can be mitigated by standard measures, including:* *time limits for works;* *use of silencers;* *acoustic screening;* *use excavation techniques which limit vibrations; and* *monitoring*.
Kwalità ta' l-arja (trab)	Miżuri *standard* sabiex jitnaqqas it-trab se jiġu implimentati. Dawn jinkludu: tixrib regolari ta' l-i*stockpiles* bl-ilma; u faċilità ta' *wheel washing*.
Air quality (dust)	*Standard measures to reduce dust will be adopted. These will include:* *regular spraying with water of stockpiles; and* *wheel washing facility.*
Riskju ta' Inċidenti (operat)	Miżuri *standard* għall-prevenzjoni ta' riskji relatati man-natura operattiva tal-proġett, se jiġu implimentati.
Risk of Accidents (operation)	*Standard measures to prevent risks related to the operative nature of the project will be implemented*.
Fdalijiet Arkeoloġiċi	Fdalijiet arkeoloġiċi preżenti fuq is-sit, se jkunu ppriservati taħt il-bini tal-proġett propost.
Archaeological remains	*Archaeological remains present on site will be preserved under the new development*.
Impatti fuq *Receptors* Sensittivi	Miżuri *standard* għall-prevenzjoni ta' impatti fuq *receptors* sensittivi se jiġu implimentati. Dawn jinkludu *buffer zones* xierqa.
Impacts on Sensitive Receptors	*Standard measures to prevent impacts on sensitive receptors will be implemented. Such measures include appropriate buffer zones*.

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Il-11 ta' Settembru, 2007

11th September, 2007

Nru. 806

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Rikonoxximent ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi

NGĦARRFU b'din illi fit-3 ta' Settembru 2007, id-Direttur ta' l-Agrikoltura, skond id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 12.2 ta' l-Att IX ta' l-2002 irrikonoxxa "Għaqda Bdiewa Prodotturi tat-Tadam" bħala Għaqda tal-Produtturi bl-indirizz uffiċjali:

"Għaqda Bdiewa Produtturi tat-Tadam",
66, NickGrace, Qolla Street,
Żebbuġ,
Malta

Din l-Għaqda tal-Produtturi ġiet irreġistrata fir-Reġistru Nazzjonali ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-kategorija:

"(iv) Tadam għall-ipproċessar" skond ir-Regolament 3(a) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fl-Oqsma tal-Ħaxix u Frott (Avviż Legali Nru. 63 ta' l-2004).

Il-11 ta' Settembru, 2007

No. 806

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Recognition of Producers' Organisation

IT is hereby noted for the general information that on the 3rd September 2007, in accordance with Article 12.2 Act IX of 2002, that the Director of Agriculture has recognised "Għaqda Bdiewa Produtturi tat-Tadam" a Producer Organisation with the following official address:

"Għaqda Bdiewa Produtturi tat-Tadam",
66, NickGrace, Qolla Street,
Żebbuġ,
Malta

The Producer Organisation was registered in the National Register of Producer Organisations within category:

"(iv) Tomatoes for Processing" in accordance with Regulation 3(a) of the Fruit and Vegetables Producer Organisations Regulations, 2004 (Legal Notice of 63 of 2004).

11th September, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 60 ta' l-2007

Malta International Airshow 2007

Se jsiru wirjiet akrobatiċi fuq il-baħar 'l hinn minn Buġibba u l-Qawra f'San Pawl il-Baħar il-Ġimgħa 21, is-Sibt 22 u l-Ħadd 23 ta' Settembru, 2007 fl-inħawi indikati fuq iċ-*chart* li wieħed jista' jara fuq il-*website* imsemmi aktar 'l isfel, konnessi mal-Malta International Airshow ta' l-2007 bejn nofsinhar u s-sitta ta' wara nofsinhar ħin lokali (1000 hours u 1600 hours UTC).

Minħabba dan imsemmi hawn fuq se jkun hemm Zona ta' Esklużjoni Marittima, li se tkun delineata b'żewġ dgħajjes jew aktar li jkollhom wiċċ oranġo florexxenti biex iservu ta' sinjal fuq in-naħa tal-baħar u linja immaġinarja ta' periferija 'l hinn mix-xatt. Inġenji tal-baħar ma jitħallewx jidħlu fl-inħawi matul il-ħin stipulat.

Iz-Zona ta' Esklużjoni Marittima tinsab immarkata bil-pożizzjonijiet li ġejjin:

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 60 of 2007

Malta International Airshow 2007

The aerobatic displays in connection with the Malta International Airshow 2007 will be held over the sea off Buġibba and Qawra at St Paul's Bay on Friday 21, Saturday 22 and Sunday 23rd September, 2007 over the area indicated on the chart on the undermentioned Authority's website between noon and 6.00 p.m. local time. (1000 hours u 1600 hours UTC).

In view of the above there will be a Maritime Exclusion Zone, which will be delineated by two or more boats having a fluorescent orange top to serve as markers at the seaward side and an imaginary boundary line beyond the shore. Crafts will not be allowed to proceed inside this area during the stipulated time.

The Maritime Exclusion Area is delineated by the following positions:

Pożizzjonijiet *Positions*		*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	East Point Boundary on shore	35°57'.575	14°25'.424
B	North East Point of Boundary	35°57'.828	14°25'.231
Ċ	South West Point of Boundary	35°57'.248	14°24'.081
D	South East Point of Boundary	35°57'.012	14°24'.261
E	Shore point of Boundary	35°57'.413	14°25'.055

Sidien ta' inġenji tal-baħar huma mwissija li assolutament ma jisgħux ibaħħru 'l ġewwa mil-linji mmarkati bejn il-punti msemmija waqt il-wirjiet u għandhom jobdu kull ordni li tingħata mill-patrol boats fl-inħawi waqt il-wirjiet ta' Akrobazija u mill-Valletta Port Control.

Charts affettwata: BA2537, 2538

Wieħed jista' jara ċ-Chart imsemmija fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-11 ta' Settembru, 2007

Ownera of sea craft are warned that it is strictly prohibited to navigate beyond the delineated lines between the mentioned points during the displays and they are to obey any instructions given by patrol boats patrolling the area during the aerobatic display and by Valletta Port Control.

Charts affected: BA2537, 2538

The said Chart may be viewed at Malta Maritime Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

11th September, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 61 ta' l-2007

Power-Boat Races f'San Pawl il-Baħar

B'żieda ma' l-Avviż lill-Baħħara Nru. 60 ta' l-2007 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, ngħarrfu lill-baħħara li se jkun hemm tellieqa tal-*power boats* f'San Pawl il-Baħar nhar is-Sibt it-22 ta' Settembru, 2007 u l-Ħadd 23 ta' Settembru, 2007 bħala parti mill-avveniment konnessi ma' l-*airshow* mill-5.00 p.m. sas-6.00 p.m. ħin lokali.

Il-bagi se jitqiegħdu fil-pożizzjonijiet li ġejjin A, B, C, D u E fuq il-*website* murija hawn taħt:

Pożizzjonijiet	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	35°57'.950	14°26'.100
B	35°58'.830	14°25'.680
Ċ	35°58'.970	14°24'.921
D	35°57'.749	14°24'.520
E	35°57'.218	14°23'.807

Il-baħħara huma avżati biex ma jaqsmux ir-rotta fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq u biex iżommu 'l bogħod mir-rotta indikata. Waqt it-tellieqa se jkun hemm restrizzjonijiet għat-tbaħħir fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar. Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet kollha li joħorġu mis-Signal Station tat-Torri tal-Palazz u *support craft* fl-inħawi.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 61 of 2007

St Paul's Bay Power-Boat Races

Further to Notice to Mariners No. 60 of 2007 of the Malta Maritime Authority, mariners are informed that there will be a power boat race in St Paul's Bay on Saturday 22nd September 2007 and Sunday 23rd September 2007 as part of the events in connection with the airshow at 5.00 p.m. until 6.00 p.m. local time.

Buoys will be laid in the following positions A, B, C, D and E as per chart shown in the undermentioned website:

Positions	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35°57'.950	14°26'.100
B	35°58'.830	14°25'.680
C	35°58'.970	14°24'.921
D	35°57'.749	14°24'.520
E	35°57'.218	14°23'.807

Mariners are instructed not to cross the course on the mentioned dates and times as stated above and to give the indicated course a wide berth. Navigation within St Paul's Bay will be restricted during the race. Mariners are to follow any instructions given by the Palace Tower Signal Station and support craft in the area.

Charts affettwata: BA 194, 2537, 2538, 211A.

Wieħed jista' jara ċ-*Chart* imsemmija fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-11 ta' Settembru, 2007

Charts affected: BA 194, 2537, 2538, 211A.

The said Chart may be viewed at Malta Maritime Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

11th September, 2007

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Pitkalija

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf li peress li nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Settembru 2007 hija festa pubblika, Jum l-Indipendenza, il-Pitkalija se tiftaħ nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Settembru 2007, minflok il-Ħamis, l-20 ta' Settembru 2007, fil-ħinijiet tas-soltu kif ġej:-

Bdiewa	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Xerrejja	1.00 p.m. 'il quddiem
Pubbliku	4.00 p.m. 'il quddiem

Il-11 ta' Settembru, 2007

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Opening Hours of the Pitkali Market

The Director of Agriculture notifies that as Friday, 21st September 2007, is a public holiday, Independence Day, the Pitkali Market will be open on Wednesday, 19th September 2007, instead of Thursday, 20th September 2007, as usual, as shown hereunder:-

Farmers	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Buyers	1.00 p.m. onwards
The public	4.00 p.m. onwards

11th September, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Research Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Research Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Research Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Research Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sostantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mad-Diviżjoni tas-Saħħa kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Research Officer in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the position of Research Officer in the Health Division.

2.1. The selected candidate will enter into a three (3) year contract as Research Officer in the Health Division. Unsatisfactory performance as Research Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Health Division as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

3.1. Is-salarju għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għall-Iskala ta' Salarju Nru. 10 (Lm5,782 (€13,468.44) li jitla' b'żidiet ta' Lm175 (€407.64) fis-sena sa massimu ta' Lm6,832 (€15,914.28).

3.2. Għall-fini ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet ta' l-1937, f'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 10, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Research Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun trasferita għad-doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' l-Iskala ta' Salarju Nru. 10 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

5. Id-dmirijiet tal-persuna fil-pożizzjoni ta' *Research Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa jinkludu:

(a) Għajnuna fit-tfassil u tmexxija ta' *health surveys;*

(b) Għajnuna fl-immaniġġar u titjib ta' sistemi eżistenti dwar l-informazzjoni fid-Diviżjoni tas-Saħħa;

(ċ) Maniġġjar, motivazzjoni u superviżjoni ta' l-impjegati li jaqgħu taħtha;

(d) Użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-pożizzjoni tista' tinkiseb mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Dipartiment tar-Riżorsi Umani, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

6.1. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni

3.1. The salary attached to the position of Research Officer is equivalent to Salary Scale No. 10 (Lm5,782 (€13,468.44) per annum rising by annual increments of Lm175 (€407.64) up to a maximum of Lm6,832 (€15,914.28).

3.2. For the purpose of the 1937 Pensions Ordinance, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in the case a selected candidate is a Public Officer.

4. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 10, he/she will be required to relinquish the duties of Research Officer in the Health Division and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

5. The duties of a Research Officer in the Health Division include:

(a) Assistance in the design and conduct of health surveys;

(b) Assistance in the management and improvement of existing information systems in the Health Division;

(c) Management, motivation and responsibility for the supervision of staff under his/her charge;

(d) Use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the position may be obtained from the Personnel Section, Human Resources Department, 6, Harper Lane, Floriana.

6.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of

(f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Lawrja minn Università rikonoxxuta jew kwalifika oħra komparabbli xierqa;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.2. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom esperjenza f'xogħol relatat.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a first degree from a recognised University or other appropriate comparable qualification;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.2. Due consideration will be given to applicants with experience in related work.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment ikkonċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universita jiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif aġġornati minn żmien għal żmien kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li għandhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

11th September, 2007

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U GĦALL-INTERN

Riżultat għall-Post ta' Perit u Inġinier Ċivili Anzjan (Trasferiment ta' Proprjetà) fid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà Taqsima Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima Proprjetà tal-Gvern), jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board*, fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, fil-Berġa tal-Baviera, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-11 ta' Settembru, 2007

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Result for the Post of Senior Architect and Civil Engineer (Property Disposal) at the Estate Management Department within the Government Property Division

The Director General (Government Property Division), notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board at the Government Property Division, Auberge de Baviere, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

11th September, 2007

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI

Riżultat għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Research Analyst in the Small Businesses and Crafts Directorate* tad-Diviżjoni tal-Kummerċ, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni

Ir-riżultat għall-intervisti għall-ingaġġ imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tad-Diviżjoni tal-Kummerċ, Lascaris, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-11 ta' Settembru, 2007

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

Result for the Engagement on Contract in the Position of Research Analyst in the Small Businesses and Crafts Directorate of the Commerce Division, Ministry for Competitiveness and Communications

The result of the interviews for the above mentioned engagement may be viewed on the notice-board of the Commerce Division, Lascaris, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

11th September, 2007

KUNSILL LOKALI MOSTA

Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

Dan hu grad ta' *Senior Management*. Bħala l-Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju tal-Kunsill, is-Segretarju għandu jassigura li d-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill għandhom jiġu implimentati bl-aktar mod effiċjenti u b'sistema ta' amministrazzjoni serja waqt li jassigura kontroll finanzjarju matul is-sena kollha.

Kwalifiki

Ebda persuna ma tkun kwalifikata biex tinħatar Segretarju jekk ma jkollhiex provi ta' dawn il-kwalifiki minimi li ġejjin:

1. Ikun jaf/taf tajjeb il-proċeduri ta' *accounts* u *office computer applications;*
2. Ikollu esperjenza jew kompetenza maniġerjali u/jew eżekuttiva;
3. Ikollu dawk il-kwalifiki li normalment jintalbu biex wieħed jibda kors Universitarju fl-Istudji għal *degree* fil-*Business Administration* u/jew *Management*.

Iżda dawn ir-rekwiżiti minimi ma japplikawx għal dawk il-persuni li fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti kienu jokkupaw il-kariga ta' Segretarju jew li attendew b'suċċess kors għal Segretarji prospettivi tal-Kunsill Lokali organizzat mid-Dipartment tal-Kunsill Lokali u għal xi żmien ħadmu bħala Segretarji ma' xi Kunsill Lokali.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li l-applikanti magħżul ikun soġġett li jipprovdi ċertifikat mediku riċenti.

Kull applikazzjoni flimkien mas-C.V. għandha tasal il-Kunsill, bl-envelop immarkat "Vakanza ta' S.E." sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-25 ta' Settembru 2007.

Permess ta' E.T.C. Nru. 160/2007

Il-11 ta' Settembru, 2007

MOSTA LOCAL COUNCIL

Vacancy of Executive Secretary

This is a Senior Management position. As the Executive, Administrative and Financial head of the Council, the Secretary is to ensure that all Council decisions are implemented in the most efficient manner with a properly maintained administrative network, while ensuring proper financial control throughout the year.

Requirements

No person shall be qualified for appointment if he/she does not produce evidence of the following minimum qualifications:

1. Is proficient in accounting procedures and office computer applications;
2. Have managerial and/or executive experience or competence
3. Possesses the qualifications, which are normally required in order to read for a University Degree in Business Administration and/or Management.

These minimum requirements do not apply in the case of those persons who on the date of the publication of these regulations occupied the post of Secretary or who have successfully attended a course for prospective Local Council Secretaries organized by the Local Councils Department and were employed for a period of time as Secretaries with a Local Council.

The Council reserves the right to subject the chosen candidate to a medical test.

Applications in an envelope marked "E.S." including a CV must reach the Council by not later than noon of Tuesday, 25th September 2007.

E.T.C. Permit No. 160/2007

11th September, 2007

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti mogħtija mit-Taqsima tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern matul Awissu 2007.

Natura ta' l-oġġett *Nature of item*	Kuntrattur *Contractor*
Range of movement (ROM) splints AO/ASIF 4.5mm cortex screws	Jane Mifsud - Mellieħa Pharma-Cos Ltd. - St. Venera

HEALTH DIVISION

List of tenders awarded by the Government Pharmaceutical Services Section during August 2007.

Consumables for CPAP system - Accu-Peep ® Valve	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Sharp containers 21 lites	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Sterile penrose drains	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
ECG contact gel	Healthsphere Ltd. - Attard
Sterilization reel 300mm	Vernon-Carus (Malta) Ltd. - St. Julians
Bedford double thickness stalls	E.J. Busuttil Ltd. - Birkirkara
Debakey needle holders	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Transparent silicone sheeting	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Gluten free pasta - Dilatini	V.J. Salomone Consumer Lines Ltd. - Valletta
Virgin silk 8/0	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Irrigating cystotomes	Holistic Technologies Ltd. - Fgura
Prolene W8707	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Norfloxacin 400mg tablets	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Goretex vascular suture	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Vicryl ties G1	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Hydroxypropylmethyl cellulose injections	Holistic Technologies Ltd. - Fgura

Il-11 ta' Settembru, 2007

11th September, 2007

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-18 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 273/2007. Provvista ta' pilloli *paroxitine 20mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Lulju 2007.

CT 274/2007. Provvista ta' pilloli *budesonide retetion enema* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Lulju 2007.

CT 281/2007. Provvista ta' servizzi ta' assigurazzjoni – Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 267/2007. Disinn u offerta għall-bini biex tissaħħaħ art instabbli u xogħlijiet ta' restawr ta' ħitan storiċi taħt Pjazza Kunsill ta' l-Imdina – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 (€81.50) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Dan il-proġett huwa ffinanzjat b'għotja mill-Islanda, Liechstenstein u n-Norveġja mill-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-EEA 2004-2009.

(Budget Allokat: Lm214.650 (€500,000) mingħajr il-V.A.T.).

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 18th September, 2007 for:

CT 273/2007. Supply of paroxitine 20mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th July 2007.

CT 274/2007. Supply of budesonide retetion enema – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th July 2007.

CT 281/2007. Supply of insurance services – Employment and Training Corporation. A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each copy of tender document.

CT 267/2007. Design and building tender for the consolidation of unstable terrain and restoration works of historic ramparts underlying Pjazza Kunsill ta' l-Imdina – Works Division. A fee of Lm35 (€81.50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This project is supported by a grant from Iceland, Liechstenstein and Norway through the EEA Financial Mechanism 2004-2009.

(Allocated Budget: Lm214,650 (€500,000) excluding VAT).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-20 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 287/2007. Provvista ta' magna għat-tiwi - Stamperija tal-Gvern. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 288/2007. Provvista ta' rollijiet tal-karti għall-kċina - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 289/2007. Provvista ta' uniformijiet ta' l-infermiera fil-Kura Primarja - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 290/2007. Provvista ta' preparazzjoni għall-ikel - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-25 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 277/2007. Provvista ta' *liposomal amphotericin intravenous infusion* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-1 ta' Awissu 2007.

CT 292/2007. Stallazzjoni ta' infrastruttura għan-*network* fil-bini tal-Junior College – Università ta' Malta. Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 293/2007. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' *high availability network storage* u *backup solutions* – Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 294/2007. Provvista ta' *gauze swabs* 30cm x 30cm – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 295/2007. Provvista u tqegħid ta' *turf* artifiċjali fil-*football ground* ta' l-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Għandu jitħallas dritt ta' Lm35 (€81.53) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT/A/6/2007. Provvista ta' ross u *rice cakes* għal persuni fil-bżonn – Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.mrae.gov.mt

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Garanziji Agrikoli.

Budget allokat: Lm37,000 (€86,186.82 mingħajr VAT).

CT 296/2007. Bini u tlestija parzjali ta' *Plot* 13, Triq ix-Xewk, Raħal Ġdid – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 20th September, 2007 for:

CT 287/2007. Supply of a folding machine - Government Printing Press. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

CT 288/2007. Supply of towel paper kitchen rolls - Health Division. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

CT 289/2007. Supply of uniforms for nurses at the Primary Health Care - Health Division. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

CT 290/2007. Supply of food preparation - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 25th September, 2007 for:

CT 277/2007. Supply of liposomal amphotericin intravenous infusion – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 1st August 2007.

CT 292/2007. Installation of network infrastructure with the Junior College buildings – University of Malta. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

CT 293/2007. Supply, delivery and installation of high availability network storage and backup solutions – Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

CT 294/2007.Supply of gauze swabs 30cm x 30cm – Health Division.

CT 295/2007. Supply and laying of artificial turf for the football ground at Giovanni Curmi Higher Secondary School, Naxxar – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 (€81.53) will be charged for each copy of tender document.

CT/A/6/2007. Supply of rice and rice cakes for deprived persons – Ministry of Rural Affairs and the Environment. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.mrae.gov.mt

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Agricultural Guarantee Fund.

Allocated budget: Lm37,000 (€86,186.82 excluding VAT).

CT 296/2007. Construction and semi-finishing of Plot 13, Triq ix-Xewk, Paola – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the

Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm75 (€174.71) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 297/2007. Bini u tlestija parzjali ta' *Plot* 22, Triq Spiru Mizzi, l-Imrieħel – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm75 (€174.71) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 298/2007. Bini u tlestija parzjali ta' *Plot* 13, Vjal l-Indipendenza, iż-Żurrieq – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm75 (€174.71) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-27 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 278/2007. Servizzi ta' tindif fir-Residenza San Vinċenz de Paule – Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Awissu 2007.

CT 279/2007. Bini ta' *bunkers* u provvista ta' *linear accelerators* għad-Dipartiment il-ġdid tar-*Radio Therapy* – Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (€465.87) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Awissu 2007.

CT 280/2007. Provvista u stallazzjoni ta' *vinyl floorings* fir-Residenza San Vinċenz de Paule – Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Awissu 2007.

CT 291/2007. Skavar u tneħħija ta' materjal fl-estensjoni ġdida proposta fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 315/2007. Baži ta' ftehim ta' qafas għall-provvista ta' *precast hollow concrete blocks* rettangolari lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-2 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 286/2007. Provvista ta' trasport skolastiku għall-studenti bi bżonnijiet speċjali f'Malta - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm75 (€174.71) for each copy of tender doucment.

CT 297/2007. Construction and semi-finishing of Plot 22, Triq Spiru Mizzi, Mrieħel – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm75 (€174.71) for each copy of tender doucment.

CT 298/2007. Construction and semi-finishing of Plot 13, Vjal l-Indipendenza, Żurrieq – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm75 (€174.71) for each copy of tender doucment.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 27th September, 2007 for:

CT 278/2007. Cleaning services at St Vincent de Paule Residence – Elderly and Community Care Department. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd August, 2007.

CT 279/2007. Construction of bunkers and provision of linear accelerators for a new Radio Therapy Department – Health Division. A fee of Lm200 (€465.87) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd August, 2007.

CT 280/2007. Supply and installation of vinyl floorings at St Vincent de Paule Residence – Welfare Committee. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd August, 2007.

CT 291/2007. Excavation and removal of material at the proposed new extension at Santa Maria Addolorata Cemetry - Department of Health. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

CT 315/2007. Framework agreement for the supply of rectangular precast hollow concrete blocks to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 2nd October, 2007 for:

CT 286/2007. Provision of school transport for students with special needs in Malta - Education Division. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' Awissu 2007.

CT 299/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *Potassium Chloride* 20% – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 309/2007. Provvista ta' *disposable reloadable integral linear cutter* u *loading units* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 310/2007. Provvista ta' *end to end anastomosis staplers* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 311/2007. Provvista ta' *reagents for detection of CMV and syphillis with Abbott Architect analyser* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 312/2007. Provvista ta' *double lumen endotrachael tubes* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 313/2007. Provvista ta' *through the scope multiband varices ligation kits* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 314/2007. Provvista ta' pilloli *bosentan 125mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 316/2007. Provvista ta' *hydrogel dressings 25g* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 317/2007. Provvista ta' pilloli *pyridostigmine bromide 60mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 318/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *interferon alfa-2b* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 318/2007. Provvista ta' pilloli *amiloride hydrochloride 5mg* u *hydrochlorothiazide 50mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 320/2007. Rinforzar tat-torri ta' telekomunikazzjoni fit-*Transmitting Station* f'Ħal Għargħur- Awtorità tax-Xandir. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tax-Xandir, 7, Triq Mile End, il-Ħamrun waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju u wara li jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 300/2007. Provvista ta' pilloli simvastatin 10mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Awissu 2007.

The EU Contract Notice was dispatched on 7th August, 2007.

CT 299/2007. Supply of Potassium Chloride 20% injections – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 9th October, 2007, for:

CT 309/2007. Supply of disposable reloadable integral linear cutter and loading units – Health Division.

CT 310/2007. Supply of end to end anastomosis staplers – Health Division.

CT 311/2007. Supply of reagents for detection of CMV and syphillis with Abbott Architect analyser – Health Division.

CT 312/2007. Supply of double lumen endotrachael tubes – Health Division.

CT 313/2007. Supply of through the scope multiband varices ligation kits – Health Division.

CT 314/2007. Supply of bosentan 125mg tablets – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 11th October, 2007, for:

CT 316/2007. Supply of hydrogel dressings 25g – Health Division.

CT 317/2007. Supply of pyridostigmine bromide 60mg tablets – Health Division.

CT 318/2007. Supply of interferon alfa-2b injections – Health Division.

CT 319/2007. Supply of amiloride hydrochloride 5mg and hydrochlorothiazide 50mg tablets – Health Division.

CT 320/2007. Strengthening of telecommunications tower at Għargħur Transmitting Station - Broadcasting Authority. Tender documents may be collected from the Broadcasting Authority, 7, Triq Mile End, Ħamrun, during normal office hours and against a fee of Lm50 (€116.47) for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 16th October, 2007, for:

CT 300/2007. Supply of simvastatin 10mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th August 2007.

CT 301/2007. Provvista ta' erba' (4) ambulanzi ġodda – Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Awissu 2007.

CT 302/2007. Provvista ta' pilloli *voriconazole* 200mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Awissu 2007.

CT 303/2007. Provvista ta' pilloli *carbamazepine* 200mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Awissu 2007.

CT 304/2007. Provvista ta' 2,000,000 *pressure seal cheque mailer forms* – Ministeru għall-Familja u Solidarjetá Soċjali. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Awissu 2007.

CT 305/2007. Servizz ta' analizzar ta' kampjuni pataloġiċi – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Awissu 2007.

CT 306/2007. Kuntratt perjodiku għat-tagħbija u ġarr ta' *municipal solid waste* u materjal ieħor minn Sant Antnin Waste Treatment Plant (SAWTP) – WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 (€69.88) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-Contract Notice ta' l-UE ntbagħat fil-21 ta' Awissu 2007.

Sal-10.00a.m. tat-TLIETA, it-23 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 307/2007. Provvista ta' servizzi ta' kura fir-Residenza San Vincenz de Paule (SVPR) - Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura tal-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Awissu 2007.

CT 308/2007. Provvista ta' *chemistry reagents* b'tagħmir b'self – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Awissu 2007.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

CT 301/2007. Supply of four (4) new ambulances – Health Division. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th August 2007.

CT 302/2007. Supply of voriconazole 200mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th August 2007.

CT 303/2007. Supply of carbamazepine 200mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th August 2007.

CT 304/2007. Supply and delivery of 2,000,000 pressure seal cheque mailer forms – Ministry for the Family and Social Solidarity. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th August 2007.

CT 305/2007. Supply of analysis of pathological samples – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th August 2007.

CT 306/2007. Period contract for the loading and transport of municipal solid waste and other material from the Sant Antnin Waste Treatment Plant (SAWTP) – WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm30 (€69.88) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 21st August 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd October, 2007, for:

CT 307/2007. Provision of care working services at St Vincent de Paule Residence (SVPR) - Elderly and Community Care Department. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd August 2007.

CT 308/2007. Supply of chemistry reagents with equipment on loan – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd August 2007.

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-11 ta' Settembru, 2007

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Il-11 ta' Settembru, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 267/2007. Disinn u offerta għall-bini biex tissaħħaħ art instabbli u xogħlijiet ta' restawr ta' ħitan storiċi taħt Pjazza Kunsill ta' l-Imdina – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 (€81.50) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Dan il-proġett huwa ffinanzjat b'għotja mill-Islanda, Liechstenstein u n-Norveġja mill-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-EEA 2004-2009.

(*Budget* Allokat: Lm214.650 (€500,000) mingħajr il-V.A.T.).

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-18 ta' Settembru, 2007.

Il-11 ta' Settembru, 2007

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

11th September, 2007

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

11th September, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 267/2007. Design and building tender for the consolidation of unstable terrain and restoration works of historic ramparts underlying Pjazza Kunsill ta' l-Imdina – Works Division. A fee of Lm35 (€81.50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This project is supported by a grant from Iceland, Liechstenstein and Norway through the EEA Financial Mechanism 2004-2009.

(Allocated Budget: Lm214,650 (€500,000) excluding VAT).

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned tender is being extended up to 10.00 a.m. of TUESDAY, 18th September, 2007.

11th September, 2007

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:–

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department,

de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 13 ta' Settembru, 2007.

Avviż Nru. 176. Bejgħ ta' sit fix-Xwieki, limiti ta' l-Iklin, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_18_2006. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 (€11,646.87) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 177. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' Lira Maltija u sitta u sittin ċenteżmi, Lm1.66 (€3.87) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fid-9 ta' Awissu, 2014, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-10 ta' Awissu, 1989, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tad-dar Nru. 25, 'Edwards', Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun, kif murija fuq pjanta P.D.JO_9_2006_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 (€1,164.69) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 178. Kiri tal-kjosk vojt fil-Bajja tal-Qbajjar, Marsalforn, Għawdex, muri fuq pjanta L.D.13/92.

Avviż Nru. 179. Kiri ta' kamra taħt Blokk Ċ, Triq Bertha K. Ilg, San Ġiljan, murija fuq pjanta L.D.216/80/30. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

Avviż Nru. 180. Kiri, minn sena għal sena, ta' sit fil-limiti ta' Birżebbuġa, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D.169/98. Din il-kirja hi soġġetta għad-dritt ta' passaġġ eżistenti u għal kull servitujiet oħra ta' terzi. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 20 ta' Settembru, 2007.

Avviż Nru. 181. Bejgħ ta' sit ħdejn Blokk 5, Qasam tad-Djar Ta' Għeriexem, ir-Rabat, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2007_211. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet ta' twieqi tal-Blokk 5 adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 (€1,164.69) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 182. Bejgħ ta' sit fil-Qasam Industrijali, il-Marsa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2006_739. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 (€11,646.87) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 183. Bejgħ, *tale quale*, ta' Fond Nru. 28 (qabel Nru. 46), Triq Aloisio, Ħal Qormi, kif muri fuq pjanta P.D.JO_52_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 (€11,646.87) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 13th September, 2007.

Advt. No. 176. Sale of a site in Tax-Xwieki, limits of Iklin, shown edged in red on plan P.D.JO_18_2006. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 (€11,646.87) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 177. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of one Maltese Lira and sixty six cents, Lm1.66 (€3.87) per annum, for the remaining period which expires on the 9th August, 2014, as per deed in the acts of Notary Joseph Tabone dated 10th August, 1989, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the House No. 25, 'Edwards', Joseph Abela Scolaro Street, Ħamrun, as shown on plan P.D.JO_9_2006_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 (€1,164.69) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 178. Lease of the bare kiosk at Qbajjar Bay, Marsalforn, Gozo, shown on plan L.D.13/92.

Advt. No. 179. Lease of a room underlying Block C, Bertha K. Ilg Street, Saint Julians, as shown on plan L.D. 216/80/30. Tenderers are to state purpose of lease.

Advt. No. 180. Lease, on a year to year basis, of the site in the limits of Birżebbugia, shown edged in red on plan L.D.169/98. Lease is subject to an existing right of way and to any other third party servitudes. Tenderers are to state purpose of lease.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 20th September, 2007.

Advt. No. 181. Sale of a site adjacent to Block 5, Għeriexem Housing Estate, Rabat, shown edged in red on plan P.D. 2007_211. This site is subject to window servitudes of the adjacent Block 5. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 (€1164.69) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 182. Sale of a site at the Industrial Estate, Marsa, shown edged in red on plan P.D.2006_739. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 (€11,646.87) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 183. Sale, tale quale, of Premises No. 28 (previously No. 46), Triq Aloisio, Qormi, as shown on plan P.D.JO_52_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 (€11,646.87) as stipulated in the tender conditions.

Avviż Nru. 184. Bejgħ ta' sit li qiegħed bejn Triq tas-Salib, Triq iż-Żnuber u Triq Salvu Camilleri fil-Mellieħa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2006_660. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm10,000.00 (€23,293.73) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 27 ta' Settembru, 2007.

Avviż Nru. 185. Bejgħ ta' sit fix-Xewkija, Għawdex, muri bil-blu u mmarkat 'B' fuq pjanta P.D.JO_1_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 (€11,646.87) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 186. Bejgħ ta' sit fix-Xewkija, Għawdex, muri bl-aħmar u mmarkat 'Ċ' fuq pjanta P.D.JO_1_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 (€11,646.87) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 187. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ħames mija u tnejn u għoxrin Lira Maltija u wieħed u ħamsin ċenteżmu, Lm522.51 (€1,217.12) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-24 ta' April, 2127, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tal-25 ta' April, 1977, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Maħżen Nru. 13, Triq il-Bankiera, Santa Venera, kif muri fuq pjanta P.D.JO_42_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 (€1,164.69) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Dan it-tender hu soġġett għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 188. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' żewġ Liri Maltin tlieta u tletin ċenteżmi u erba' milleżmi, Lm2.33,4 (€5.44) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru, 2046, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Gio Batta Saydon tal-4 ta' Frar, 1897, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fi Triq Santa Tereża kantuniera ma' Triq l-Iskola, Żabbar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_9_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 (€2,329.37) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Dan it-tender hu soġġett għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 189. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, fil-limiti ta' Marsaskala, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2005_218. Din il-kirja hi soġġetta għal servitù ta' arblu, kif indikat fuq l-istess pjanta P.D.2005_218. Bdiewa *full-time* jingħataw preferenza. Dikjarazzjoni mill-Korporazzjoni Għax-Xogħol u t-Taħriġ (E.T.C.), li tikkonferma li huwa/hija bidwi *full-time* trid tiġi annessa ma' kull offerta. F'każ li l-ebda bidwi *full-time* ma' jagħmel offerta, il-Gvern iżomm id-dritt li jagħti l-offerta lil kwalunkwe offerent ieħor. Qabel ma jiffirma l-kuntratt, min jieħu l-offerta hu obbligat iħallas is-somma ta' elf, mija u wieħed

Advt. No. 184. Sale of a site between Triq tas-Salib, Triq iż-Żnuber and Triq Salvu Camilleri in Mellieħa, shown edged in red on plan P.D.2006_660. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm10,000.00 (€23,293.73) as stipulated in the tender conditions.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 27th September, 2007.

Advt. No. 185. Sale of a site in Xewkija, Gozo, shown edged in blue and marked 'B' on plan P.D.JO_1_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 (€11,646.87) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 186. Sale of a site in Xewkija, Gozo, shown edged in red and marked 'C' on plan P.D.JO_1_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 (€11,646.87) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 187. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of five hundred and twenty two Malta Liri and fifty one cents, Lm522.51 (€1,217.12) per annum, for the remaining period which expires on the 24th April, 2127, as per deed in the acts of Notary Francis Micallef dated 25th April, 1977, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Warehouse No. 13, Triq il-Bankiera, Santa Venera, as shown on plan P.D.JO_42_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 (€1,164.69) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 188. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of two Malta Liri, thirty three cents and four mils, Lm2.33,4 (€5.44) per annum, for the remaining period which expires on the 31st December, 2046, as per deed in the acts of Notary Gio Batta Saydon dated 4th February, 1897, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the site in Saint Theresa Street corner with School Street, Żabbar, shown edged in red on plan P.D.JO_9_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 (€2,329.37) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 189. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq id-Daħla ta' San Tumas, in the limits of Marsaskala, shown edged in red on plan P.D.2005_218. Lease is subject to the servitude of a pole, as indicated on the same plan P.D.2005_218. Preference will be given to full time farmers, who are to submit a declaration by the Employment and Training Corporation (E.T.C.) confirming that he/she is a full time farmer. Government reserves the right to award tender to any other bidder if no full time farmer submits an offer. Prior to the signing of the deed, the successful tenderer will be obliged to pay the sum of one thousand one hundred and ninety one Malta Liri and forty

u disgħin Lira Maltija u sitta u erbgħin ċenteżmu, Lm1,191.46 (€2,775.36), li huma spejjeż magħmula sabiex tnaddaf dan l-istess sit.

Avviż Nru. 190. Kiri, għal perjodu li jintemm fit-2 ta' Frar, 2021, ta' żewġ (2) siti fi Triq Sa Maison, il-Furjana, biex jintużaw bħala estensjoni ta' bar eżistenti, murija bl-aħmar u mmarkati sit 2 u sit 3 rispettivament fuq pjanta P.D.2005_442_A.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'ċekk jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

Il-11 ta' Settembru, 2007

six cents, Lm1,191.46 (€2,775.36), being expenses incurred for the clearing up of the same site.

Advt. No. 190. Lease, for a period to end on 2nd February, 2021, of the two (2) sites in Triq Sa Maison, Floriana, to be used as an extension to an existing Bar, shown edged in red and marked site 2 and site 3 respectively on plan P.D.2005_442_A.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. A fee of Lm5 (€11.65) will be charged for each copy of tender document. Payments are to be made only by cheque or money order. Tenders are only valid if they bear the official stamp of the Department.

11th September, 2007

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET U TAQSIMA TAS-SERVIZZI

Id-Diretturi Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, jgħarrfu illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Settembru, 2007, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 95/07. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' żejt tal-*hydraulic*, tal-magna u tat-*transmission* lit-Taqsima tax-Xogħlijiet u tas-Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 96/07. Kuntratt perjodiku għall-provvista, konsenja u stivar ta' njam tal-ballut lid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Diviżjoni tas-Servizzi.

